**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 436/2017 RGM**

**Joseph Buttigieg (I.D. 677246M)**
**f'ismu u ghan-nom ta' Rose Farrugia**
**imsiefra u Salvina Scicluna (I.D. 107545M)**

**vs.**

**GX3 Holdings Limited**
**(C 55158)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Joseph Buttigieg f'ismu u għan-nom ta' Rose Farrugia u Salvina Scicluna** ppreżentat fit-18 ta' Mejju, 2017 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi b'sentenza moghtija mill-Awla tal-Qorti Civili, fit-30 ta' Gunju 2015, fil-kawza bl-ismijiet GX3 Holdings Ltd (55158) kontra Lucy Agius u l-atturi prezenti, rikors guramentat li jgib in-numru 327/12 JZM, din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi fuq il-konvenju u l-kuntratti sussegwenti illi kien hemm u skritturi illi jimmodifikaw il-konvenju originali, u pattijiet godda inseriti tul iz-zmien, l-atturi odjerni jersqu ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt finali tal-bejgh tal-fond 22, Solabella, li jinsab gewwa Xatt il-Palm, Bahar ic-caghaq, libru u frank bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi ta' l-istess proprjeta` inkluza l-arja libera, u dan versu l-prezz konkordat bejn il-partijiet u bl-imghaxijiet kollha relattivi miftehma bejn il-partijiet, bit-tnaqqis ta' dak illi thallsu akkont tal-prezz, jekk kien dovut li jitnaqqas.

2. Illi wara hafna problemi daparti ta' Gordon Agius u l-kumpanija konvenuta, sar kuntratt fis-6 ta' Lulju 2016, fejn kien hemm disgwid bejn il-partijiet ghaliex il-kumpanija konvenuta ma riditx thallas l-imghaxijiet kif patwiti s-somma li kellha tirrisulta dovuta skont l-iskritturi u kif ordnat mill-imsemmija sentenza.

3. Illi meta giet konsultata, certament bla pregudizzju, l-kuratrici ghal kontumaci kienet qalet li kienet ser tiffirma kif kien l-abbozz kif riedet il-kumpanija konvenuta u ma tiehux konjizzjoni tal-kwistjoni ta' l-imghaxijiet illi kienu dovuti skont l-iskritturi illi kien hemm bejn il-partijiet. Illi l-atturi, ghalkemm kienu prezenti ghall-kuntratt, ghamlu dikjarazzjoni fl-istess illi ma kienux qeghdin jiffirmaw imma dana kienu qed jaghmluh skond dikjarazzjoni annessa bhal document B ma' l-istess kuntratt.

4. Illi waqt illi l-kumpanija konvenuta issaldat parti mid-debitu u l-prezz, naqset illi thallas il-prezz kollu dovut u dan anke skond l-istess sentenza citata. Illi a bazi ta' hekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi fis-sentenza citata kien intqal espressament dan li gej:- "Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma legalment obbligati illi jersqu u jaddivjenu ghall-iffirmar u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' donazzjoni u bejgh, kif japplika skont il-kuntratti, tal-bini 22 Solabella li jinsab gewwa Xatt il-Palm, bahar ic-Caghaq, libera u franka, bid-drittijiet, gustijiet u l-pertinenzi taghha kolha, inkluza l-arja libera, u dan versu l-prezz konkordat bejn il-partijiet, li minnu ghandhom jitnaqqsu l-ammonti li diga` thallsu bhala akkont. Ghalhekk qeghda tordna lill-konvenuti kollha sabiex jersqu u jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali".

6. Peress li l-partijiet ghamlu emendi fil-prezz u fil-kundizzjonijiet, u dan minhabba t-tul ta' snin li dam jiggedded il-konvenju, u peress li bl-emendi li ghamlu kienu qed izidu l-prezz pattwit fil-bidu, u finalment dak kellu jkun il-prezz tal-bejgh.

**Talbiet:**

Ghalhekk jintalab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun**:**

(1) tillikwida l-ammont ulterjuri dovut lill-atturi tas-sehem taghhom u skont il-konvenji u skritturi patwiti bejniethom;

(2) tikkundanna lill-kumpanija konvenuta ghall-hlas lill-attur tas-somma bilancjali hekk likwidata.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' GX3 Holdings Limited** ippreżentata fit-3 ta' Lulju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament, in-nullita tar-rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 156(7) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi r-rikors guramentat ma jfissirx b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza tant illi minkejja talba ghall-likwidazzjoni ta' imghax u sommon ohra r-

rikors huwa nieqes minn referenza ghal liema perjodu l-atturi jippretendu li dan l-imghax huwa dovut u fuq liema somma ghandu jinhadem u l-quantum ta' l-istess jew altrimenti kif u minn fejn jirrizultaw dovuti dawn il-pretensjoniojiet, kif lanqas ma ngiebu dokumenti biex isahhu t-talba u dan kif tassattivament mitlub ai termini ta' l-Artikoli 156(1)(a) u 156(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita tar-rikors mressaq mill-assenti Rose Farrugia u dan peress illi ma ngiebet l-ebda prova illi Joseph Buttigieg gie tassew awtorizzat qabel l-intavolar ta' din il-kawza sabiex jintavola din il-procedura f'isem l-assenti Rose Farrugia;

3. Fit-tielet lok it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala infondanti fil-fatt u dan stante illi t-talbiet attrici huma msejsa fuq il-premessa illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet GX3 Holdings Limited v. Lucy Agius et. bin-numru 327/12 u deciza nhar it-30 ta' Gunju 2015 is-socjeta' konvenuta giet ordnata thallas imghaxijiet meta jirrizulta b'mod inekwivoku mill-istess sentenza illi ma nghatat l-ebda ordni simili fil-konfront tas-socjeta' GX3 Holdings Limited;

4. Fil-raba' lok it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala infondanti fil-fatt in kwantu t-talbiet attrici huma msejsa fuq il-premessa illi s-socjeta' GX3 Holdings Limited hija debitur ta' l-atturi u dan stante illi jirrizulta mill-kuntratt in atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella tas-6 ta' Lulju 2016 illi s-socjeta' GX3 Holdings Limited hallset il-prezz pattwit flimkien ma' dawk is-somom kollha li kienu minnha dovuti, u ghalhekk ebda somma ma hija dovuta mill-esponenti lill-atturi jew min minnhom;

5. Fil-hames lok illi t-talba ghal hlas ta' imghaxijiet ghanda tigi michuda bhala li hija nfondata fid-dritt in kwantu l-ordni ghall-hlas ta' imghaxijiet fuq l-imghaxijiet li l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tillikwida u tordna l-hlas taghhom tmur kontra l-ligi u principji basici ta' ordni pubbliku;

6. Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż dawk allegati mal-kawża odjerna u ċioe' l-atti tal-kawża GX3 Holdings Ltd vs. Lucy Agius et (Rik. Ġur. Nru 327/2012 JZM);

Rat il-provi kollha li tressqu fil-mori tal-kawża;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-2 ta’ Diċembru 2019[1] kif ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fl-24 ta’ Diċembru 2019[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fl-1 ta' April 2008 Gordon Agius u martu Lara-Ann Agius resqu fuq konvenju ma’ Raymond Agius għan-nom u in rappreżentanza ta’ martu Lucy Agius, fejn tal-aħħar obbligat ruħha li tittrasferixxi b’titolu ta’ donazzjoni s-sehem tagħha ta' 1/4 indiviz mill-fond 22, Solabella, Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq. Fl-istess ftehim dehru wkoll Salvina Scicluna u Joseph Buttigieg f’ismu proprju u f’isem u in rappreżentanza ta’ oħtu Rose Farrugia (aħwa tad-donatriċi Lucy Agius), fejn min-naħa tagħhm wegħdu li jbiegħu s-sehem tagħhom ta' 3/4 indiviż mill-istess fond għas-somma ta' €231,41.48. Dan il-konvenju ġie estiż u emendat diversi drabi.

Fost l-oħrajn, bi skrittura tas-26 ta' Frar 2010 l-istess partjiet fuq il-konvenju imsemmi ftehmu inter alia illi jestendu l-konvenju ta' donazzjoni u bejgħ

[1] Paġna 81A tal-proċess.
[2] Paġna 83 tal-proċess.

rispettiv sal-31 ta' Awissu 2010 filwaqt li l-kompraturi tas-sehem indiviz intrabu li jħallsu imgħax ta' erbgħa fil-mija (4%) fis-sena lil Salvina Scicluna u Joseph Buttigieg pro et nomine fuq is-somma ta' €246,768 dekorribbli mill-31 ta' Jannar 2010 sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' bejgħ.

Bi skrittura tat-13 ta' Mejju 2011[3] il-partijiet fuq il-konvenji ftehmu inter alia illi l-imgħax kien bir-rata ta' 8% b'effett mit-13 ta' Ġunju 2008 sad-data tal-att finali u li l-konvenju kien qed jiġi estiż sat-13 ta' Ġunju 2011.

Bi skrittura tat-13 ta' Lulju 2011[4] il-vendituri, donatriċi u kompraturi ftehmu illi jħalssu s-somma addizzjonali ta' €15,000 ("over and above the sale price and interests agreed between the parties"), li l-konvenju bejgħ/donazzjoni jiġġeded sal-14 ta' Ottubru 2011 u li jekk il-kompraturi jħallsu l-imsemmija somma ta' €15,000 sa mhux aktar tard mit-23 ta' Lulju 2011 allura l-imgħax jiġi kalkulat sad-data tal-iskrittura u cioe' sat-13 ta' Lulju 2011.

Bi skrittura tal-11 ta' Jannar 2012 il-partijiet estendew il-konvenji sad-9 ta' Frar 2012; iddikjaraw li sad-data tal-iskrittura l-bilanċ dovut lill-vendituri "representing price and interests" kien jammmonta għal €291,171 li kellhom jitħallsu €256,231 fuq l-att finali filwaqt li €34,940 kellhom jitħallsu fi żmien 8 xhur mill-att finali.

Fid-9 ta' Frar 2012 Gordon Agius u Lara Ann Agius ipprezentaw ittra uffiċjali kontra Lucy Agius, Salvina Scicluna, Joseph Buttigieg u Rose Farrugia fejn interpellawhom jaddivjenu fuq il-kuntratt finali.

Fit-13 ta' Frar 2012 l-istess partijiet resqu fuq skrittura oħra u inter alia ftehmu illi l-wegħda ta' donazzjoni ta' Lucy Agius lil Gordon u Lara-Ann Agius kienet qed tiġi konvertita għal wegħda ta' bejgħ; estendew il-konvenju sad-29 ta' Frar 2012; deher Carmel Mifsud għan-nom tas-soċjeta' GX3 Holdings Limited li lilha ġew assenjati id-dritijiet kollha naxxenti mill-konvenji ta' Gordon u Lara-

[3] Paġna 16 tal-proċess ċitaz 327/12JZM
[4] Paġna 13 tal-proċess citaż 327/12JZM

Ann Agius filwaqt li tħallsu minn Mifsud nomine sew l-ammont li kienu ħallsu b'depożitu kif ukoll bħala boll.

Fid-29 ta' Frar 2012 is-soċjetà konvenuta interpellat lir-rikorrenti bis-saħħa ta' ittra uffiċċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 1357 (2) tal-Kapitolu 16 sabiex jersqu għal pubblikazzjoni ta' l-atti finali.

Ir-rikorrenti f'din l-azzjoni baqgħu inadempjenti u għalhekk fid-29 ta' Marzu 2012 is-soċjetà GX3 Holdings Ltd intavolat l-azzjoni sabiex tordna l-iffirmar u l-pubblikazzjoni ta' kuntratt.

Fit-30 ta' Ġunju 2015 din il-Qorti diversament preseduta ppronunzjat sentenza:-~~ddeċidiet li~~ "*tiddikjara illi l-konvenuti huma legalment obbligati illi jersqu u jaddivjenu ghall-iffirmar u lpubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta` donazzjoni u bejgh, kif japplika skont ilkuntratti, tal-bini 22 Solabella li jinsab gewwa Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq, libera u franka, bid-drittijiet, gustijiet u l-pertinenzi taghha kollha, inkluza l-arja libera, u dan versu l-prezz konkordat bejn il-partijiet, li minnu ghandhom jitnaqqsu l-ammonti li diga` thallsu bhala akkont. Ghalhekk qeghda tordna lill-konvenuti kollha sabiex jersqu u jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali.*" Il-Qorti ordnat li l-kuntratt jigi ppubblikat fil-31 ta' Awissu 2015. Fl-24 ta' Awissu 2015 in-Nutar Dr Nicholas Vella nominat sabiex jippubbliku l-att finali pprezenta rikors fejn talab data oħra għall-pubblikazzjoni peress li r-riċerki ma kienux għadhom lesti. Il-Qorti laqgħet it-talba u ffissat minflok id-data tat-30 ta' Settembru 2015. Fid-9 ta' Settembru 2015 Joseph Buttigieg, Rose Farrugia u Salvina Scicluna ppreżentaw rikors fejn allegaw li s-soċjeta' konvenuta ma kelliex il-finanzi meħtieġa sabiex tixtri u għalhekk talbu li s-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata li sa ħamest ijiem qabel il-jum iffissat mill-Qorti tiddepożita f'idejn in-nutar l-ammont li għandu jitħallas fuq il-kuntratt. Il-Qorti ordnat in-notifika tiegħu lill-kontro parti iżda ma kienx hemm eżitu finali għal dan ir-rikors peress li baqa' ma ġiex notifikat u mill-atti ma jirriżultax li saru tentativi fir-rigward.

Fis-6 ta' Lulju 2016 ġie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgħ[5] però l-vendituri, rikorrenti f'din il-kawża, iddikjaraw li m'humiex ser jiffirmaw il-kuntratt għaliex ma kienx hemm qbil fuq l-ammont ta' imgħax li kellu jitħallas u dan għaliex ma kienux qablu jekk l-interessi jibqgħux jiġu kalkulati sad-data tal-kuntratt jew sad-data li fiha ġiet intavolata l-kawża. Il-vendituri insistew ukoll li huma baqgħu ma tħallsux il-pagament addizzjoni tal-ħmistax-il ewro (€15,000).[6] Kien għalhekk li dawn ġew rappreżentati mill-kuratriċi għall-kontumaċi Dr. Anna Mifsud Bonnici.

Fit-18 ta' Mejju 2017, il-vendituri rikorrenti intavolaw il-proċedura odjerna sabiex jiġi likwidat l-ammont ulterjuri minnhom pretiż.

Ikkunsidrat;

Fil-kuntratt ta' bejgħ tas-6 ta' Lulju 2016 ingħad li l-bejgħ qiegħed isir "versu l-prezz globali ta' tlett mija u tmint elef u sitt mija u wiehed u erbghin Euro u tmienja u disghin centezmu (Euro308,641.98c), li minnu l-vendituri Joseph Buttigieg, Rose Farrugia u Salvina Scicluna rċevew id-depositu ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centenzmu (Euro 23,393.73c) li qed jithallsu presenzjalment mill-kompratur il-bilanc tal-prezz fl-ammont ta' mitejn u tmient elef u mija u sebgha u tmenin Euro u sebgha u sebghin centezmu (Euro 208,187.77c) dovut lill-istess vendituri Joseph Buttigieg, Rose Farrugia u Salvina Sciclina. Il-kompratur qed ihallas presenzjalment il-prezz ta' sebgha u sebghin elf u mija u sittin Euro u hamsin centezmu (Euro77,160.50c) rappreżentanti sehem il-venditrici Lucia Agius mill-prezz tal-bejgh. In oltre' il-kompratur qed ihallas presenzjalment l-ammont ta' tnejn u tmenin elf disa' mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (Euro82,983.23c) rapprezentanti l-interessi dovuti mil-kompratur u kif ukoll il-hlas addizzjonali ta' hmistax il-elf Euro (Euro 15,000) miftiehem bejn il-partijiet fil-konvenju ta' bejniethom ossia skond l-iskrittura datata il-hdax (11) ta' Jannar elfejn u tnax (2012). [...]"[7]

[5] Pagna 19 tal-process
[6] Paġna 27 tal-proċess.
[7] Paġna 22 tal-proċess.

**Dr. Anna Mifsud Bonnici** waqt ix-xhieda tagħha tas-26 t'April 2018 ippreżentat il-*workings* "li kienu saru qabel ma sar il-kuntratt"[8], liema *workings* eventwalment irriżulta waqt il-kontro-eżami tan-Nutar Nicholas Vella li kienu saru mil-legali li kien jirrappreżenta lis-soċjetà konvenuti dak iż-żmien li sar il-kuntratt[9]. Il-parti tal-***workings***[10] relevanti għal każ odjern huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Prezz tal-bejgh | 308,641.98 |
| Lucia Agius | 77,160.50 |
| | |
| Joseph/Rose/Salvina | 231,481.48 - |
| Deposit | 23,293.73 |
| | |
| Bilanc tal-Prezz dovut | **208,187.75** |
| | |
| Bilanc tal-prezz bl-interessi u l-hlas ta' Eur 15,000 skrittura 11/1/12 | 291,171 - |
| | |
| Bilanc Prezz | 208,187.75 |
| | |
| Interessi u hlas Addizjonali ta' Euro 15,000 | **82,983.25** |

Ir-rikorrenti fil-21 ta' Frar 2018 ippreżentaw **nota ta' prospett**[11] ta' dak li qegħdin jippretendu huma:

[8] Xhieda tas-26 t'April 2018, paġna 44 tal-proċess.
[9] Kontro-eżami tal-5 ta' Ġunju 2019, paġna 74 tal-proċess.
[10] Paġna 47 tal-proċess.
[11] Paġna 41 tal-proċess.

| | |
|---|---|
| Ir-rikontegg tal-prezz u l-pendenzi kollha stabbilit fil-11 ta' Jannar 2012 | **€291,171** |
| Il-ħlas addizzjoni skont il-ftehim tat-13 ta' Lulju 2011 accettat ukoll fl-istess kuntratt | **€15,000** |
| Interessi mill-11 ta' Jannar 2012 sat-13 ta' Ġunju 2016 bit-8% illi jġibu | **€81,787** |
| It-total pre tax li kellu jsir fuq il-kuntratt kien ta' | **€387,958** |
| Fil-kuntratt finali gie allokat lilhom | **€306,171** |
| Differenza kontra l-atturi ekwivalenti ghall-imghax li kellu jibqa' sejjer sal-pagament li l-atturi ghall-konvenjenza kkalkolaw biss sat-13 ta' Ġunju, 2016 | **€81,787** |

**Gordon Agius** fl-affidavit[12] tiegħu jispjega li n-Nutar Vella u Dr. Mifsud Bonnici kienu talbu direzzjoni mill-Qorti li tat is-sentenza dwar l-imgħaxijiet. Ikompli jgħid li l-avukat "li dak iż-żmien kien jippatronċina lil GX3 Holdings Limited, kien tal-fehma illi ebda imghaxijiet ma kellhom jiddekorru mill-ġurnata li fiha aħna konnha għamilna l-kawża kontra Buttigieg. Kien spjegali li n-nuqqas kien tagħhom u mhux tagħna".[13] Jispjega li s-somma ta' €291,171 kienet tinkludi s-somma ta' €15,000 li kienu qablu li ser iħallsu permezz ta' wieħed mill-ftehim li kienu għamlu.

Waqt il-kontro-eżami tiegħu in-**Nutar Nicholas Vella** spjega li d-direzzjoni li kienet tatù l-Qorti kienet fis-sens li huwa għandu jkompli bil-kuntratt u ma jidħolx fil-kwistjoni ta' imgħaxijiet u sa liema data għandhom jiġu kkalkulati.[14]

[12] Paġna 68 et seq tal-proċess.
[13] Paġna 69 tal-proċess.
[14] Paġna 74 et seq tal-proċess.

Sabiex din il-Qorti tasal tifhem aħjar x'gie miftiehemmaqbul bejn il-partijiet u Gordon Agius, sejra tgħaddi sabiex tqis il-kuntratti li saru bejn l-1 t'April 2008 u t-13 ta' Frar 2012 u tikkwota dak li huwa relevanti minn dawn il-kuntratti:

Skrittura tal-1 t'April 2008

"Din il-weghda ta' bejgh qeghda issir u qeghda tigi aċċettata taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:- 1. Versu l-prezz ta' [...] (EUR 231,481.48) [...] minn liema somma l-kompraturi qeghdin ihallsu llum is-somma ta' [...] (EUR 23,293.73) [...]"[15]

Skrittura tas-26 ta' Frar 2010

*"Moreover, the purchasers are binding and obliging themselves to pay interests of four per cent (4%) per annum on the sum of balance of the Price of sale, that is, on [...] (€246,768) in favour of Salvina Scicluna and Joseph Buttigieg proprio et nomine, who accepted, which interests are due from the thirty first (31) day of January of the year two thousand and ten (2010) till the singing of the final deed of the relative share of the immovable."*[16]

Skrittura tat-13 ta' Mejju 2011

*"[...] (b) the parties are hereby corrected the price of sale above stated in the sense that the vendors already received deposit on the account of the price from the purchasers the amount of [...] (€17,470) and not [...] (€23,293.73). Thus the balance of the price still due by purchasers to vendors is [...] (€214,011.48).*

*(c) The parties confirm that the purchasers own the vendors inters at eight per cent (8%) per annum on the balance of the price above stated in clause 'b', which interests are due from the thirteenth (13) day of June of the year two thousand and eight (2008) till the publication of the above-mentioned final deed of sale"*[17]

---

[15] Paġna 8 tal-proċess anness.
[16] Paġna 13 tal-proċess anness.
[17] Paġna 17 tal-proċess anness.

Skrittura tat-13 ta' Lulju 2011

*"By virtue to pay to Joseph Buttigieg, Rose Farrugia and Salivna Scicluna, who accept, the global sum of fifteen thousand Euro (€15,000) – that is five thousand Euro (€5,000) each, till the twenty third (23) day of July of the year two thousand and eleven (2011). Such sum of fifteen thousand Euro is over and above the sale price and interests agreed between the parties."*[18]

Skrittura tal-11 ta' Jannar 2012

*"By virtue of this agreement, while the parties are making reference to the above mentioned writings are hereby agreeing, the following,*

*a) the balance still owing by purchasers to vendors representing price and interests amount to [...] (€291,171)[...]"*[19]

Skrittura tat-13 ta' Frar 2012

*"By virtue of the third part of this agreement, hereby appears Carmel Mifsud, Company Director [...] who is appearing on this writing for and in representation of the Limited Liability Company 'GX3 Holdings Limited' [...]; Gordon and Lara-Ann spouses Agius assign and transfer unto the Company, which accepts and acquires the Gordon and Lara-Ann spouses Agius's rights and obligations arising out of a promise of sales agreements signed by the Gordon and Lara-Ann spouses Agius and Lucy Agius and siblings Buttigieg [...] both on the thirteenth (13) day of June of the year two thousand and eight (2008) which were amended and correct by various subsequent writings including this of today [...]*

*[...] The Company is paying onto Gordon and Lara-Ann spouses Agius, which accept, the sum of [...] (€23,293.73), which sum is the refund of the payment of the deposit on accounts of the price of the immovable property"*[20]

Ikkunsidrat

---

[18] Paġna 15 tal-proċess anness.
[19] Paġna 19 tal-proċess anness.
[20] Paġni 80 - 81 tal-proċess anness.

Il-Qorti tqis li l-vertenza tista' biss tiġi deċiża billi jiġi stabbilit dak li qablu fuqu l-konjuġi Agius fl-iskritturi u sussegwentement dak li ġie ċedut lis-soċjetà konvenuta li assumiet il-jeddijiet u l-obbligi kollha li kienu daħlu fihom Gordon Agius u martu fil-konvenju u l-estensjonijiet sussegwenti. Għalkemm minn qari tal-iskritturi jidher li hemm xi inkonsistenzi, kif irrimarkat ukoll din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2015[21] u kif ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem, minn dak li għandu x'jaqsam ma' imgħaxijiet jidher li l-iskritturi huma ċari. Fis-sens illi l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2011 tispjega li l-imgħax għandu jkun ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanċ ta' €214,011.48 u dan għaliex il-konjuġi Agius kienu għamlu depożitu ta' €17,470 u mhux ta' €23,293.73 liema imgħax jibda jiddekorri mit-13 ta' Ġunju 2008.

Din il-Qorti ma ssibx spjegazzjoni fl-atti ghaliex is-soċjetà konvenuta għaddiet is-somma ta' €23,293.73 u mhux ta' €17,470. Minn dak li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti imkien ma jidher li l-konjuġi Agius ħallsu d-differenza ta' ħamest elef, tmien mija, tlieta u għoxrin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€5,823.73). In ogni caso, din il-Qorti sejra toqgħod fuq dak li ġie konkordat bejn il-vendituri u l-konjuġi Agius.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16** jistipula illi "Meta l-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni".

Fil-kawża fl-ismijiet **Gloria Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines** il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 1998 irriteniet:

[21] "Hadd ma fisser lill-Qorti kif ftehim li sar fit-13 ta' Gunju 2008 kien korrett u estiż bi ftehim tal-1 ta' April 2008" – paġna 9 tas-sentenza (paġna 119 tal-proċess anness).

"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa'dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".

"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

"Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni "meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27)

Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Terres Co Ltd et vs. L-Ghajn Construction Co. Ltd** (Ċit Nru 1123/10 MCH) deċiża fil-15 ta' Jannar 2013 tagħmel tagħha dak li ingħad fis-sentenza deċiża fid-29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Mark Bugeja et vs. Geoffrey Camilleri**, liema sentenza enunċjat b'mod ċar il-prinċipji regolanti l-interpretazzjoni tal-kuntratt b'ħarsa dettaljata lejn il-ġurisprudenza prevalenti:

"Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza "**Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Contstruction Company Limited**" (P.A. (RC) – 28 ta' Gunju 2011) u li kkonfermat dak li nghad fis-sentenza "**Anton Spiteri vs Alfred Borg**" (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kap 12, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju

taghha" ("**Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb**" - A. C. 30 ta' Marzu 1997).

"Illi kif inghad fis-sentenza "**Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati**" (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li tirrizultax li saret f'din il-pendenza.

"Illi dan il-principju gie applikat konsistentement minn dawn il-Qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenzi "**Bartolomeo Micallef vs JCR Limited**" (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) fejn inghad li la darba "minn qari tal-istess kuntratt jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b'mod preciz x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet u dan kien li jigi trasferit bhala korp il-hanut hemm indikat, b'mod li ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni (artikolu 1002) "**Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine**" (P.A. (PS) -0 9 ta' Dicembru 2002)" mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b'dak li jipprovdi b'mod car l-istess kuntratt u ma ghandhux ikun hemm ebda lok ta' interpretazzzjoni.

"Illi fis-sentenza "**John Spiteri et vs Popeye Investments Limited**" (A.C. – 3 ta' Novembru 2006) inghad illi li kif "ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Micallef v. E. Ciantar** (Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicattive e dimonstrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".

"Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –

"i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; **Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe** (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);

"ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p 27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".

"iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien ("**J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997")".

"iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lil kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).

"Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza "**Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et**" (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens "li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**")".

"Illi hekk ukoll fis-sentenza "**Gemma Fenech vs John Bugeja**" (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:- "Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull

konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta ddicitura tal-kuntratt hija wahda cara allura ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".

"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea**", Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (Vol. XXXIX.iii.p855 u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata)".

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) imbagħad fis-sentenza tagħha (**Terres Co Ltd et vs. L-Ghajn Construction Co. Ltd**) tat-28 t'April 2017 tirreferi għal aktar ġurisprudenza li jispjegaw proprju dawn il-prinċipji saljenti f'materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti:

"Il-Qorti tal-Appell Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet **Albert Brincat v. Anthony Saliba** deciza fl-14 ta' Novembru, 1983, osservat li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba (dan dejjem sa fejn il-kliem uzat fil-konvenzjoni ma jkunx car). Hekk ukoll din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar, 1950, fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Edgar Cuschieri O.B.E. noe v. Perit Gustavo R. Vincenti**, qalet hekk:-

*"Illi fid-dritt dwar il-materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, meta l-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew ikunu spjegaw ruhhom ekwivokament, jew fil-kaz li posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx preveduta u li hemm bzonn li tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni ...*

Fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Stanislao Cassar et vs. Chevalier Antonio Cassar** tal-15 ta' Diċembru, 1995 (Kollez Vol. LXXIX.II.704) kien ingħad:-

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili). Issa hu ovvju illi fil-kliem espress fil-klawsoli taz-zewg kuntratti fuq riportati ma hemm l-ebda ambigwita' jew ekwivocita'. . . Hu biss "meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, (li) ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet" (artikolu 1003 tal-Kap. 16). . .*

Filwaqt li din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Nazzareno Vella noe et. vs. Joseph Abela noe et** qalet hekk:

*"Meta l-kliem tal-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi (Vol. XXXVI.i.191) Skont kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Sciberras Trigona vs Aneico deciza fis-6 ta' Ottubru 1883 'quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto' ……* ***pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod. Jekk ghall-gudikant id-dicitura wzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghall-sens car u univoku hu dan is-sens illi ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss 'meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu****."* *(enfasi mizjuda mill-Qorti tal-Appell).*

Ikkunsidrat;

Jeħtieġ issa li jsiru l-kalkolazzjonijiet ta' imgħax u jiġi kkunsidrat jekk is-somma ta' €15,000 li l-konjuġi Agius qablu li jgħaddu lill-vendituri ġewx inklużi fil-prezz imsemmi fl-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2012 u sa meta għandhom jiġu kalkulati l-imgħaxijiet:

| | |
|---|---|
| Bilanċ li fuqu hemm imgħax | €214,011.48 |
| 8% imgħax fuq il-bilanċ | €17,120.92 fis-sena;<br>ekwivalenti għal:<br>€1,426.74 fix-xahar<br>€46.91 fil-ġurnata |
| Mit-13 ta' Ġunju 2008 sas-6 ta' Lulju 2016 (8 snin u 23 ġurnata) | €138,046.29 |
| Mit-13 ta' Ġunju 2008 sal-11 ta' Jannar 2012 (3 snin 6 xhur u 29 ġurnata) | €61,283.59 |
| Mill-11 ta' Jannar 2012 sas-6 ta' Lulju 2016 (4 snin 5 xhur u 25 ġurnata) | €76,790.13 |
| Bilanċ + imgħax sal-11 ta' Jannar 2012 | €275,294.99 |

Din il-Qorti ħadet il-11 ta' Jannar 2012 bħala data sabiex jiġi stabbilit jekk il-valur imsemmi fl-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2012 jinkludix il-pagament ta' €15,000 li l-konjuġi Agius u l-vendituri kienu qablu fuqu fl-iskrittura tat-13 ta' Lulju 2011. Mill-kalkoli li għamlet din il-Qorti jirriżulta li l-bilanċ tal-valur tal-fond b'żieda mal-imgħaxijiet sal-11 ta' Jannar 2012 huwa ta' €275,294.99, filwaqt li l-iskrittura tal-11 ta' Jannar 2012 tjindika s-somma ta' €291,171. Huwa ċar minn dawn il-kalkoli li l-valur ta' €291,171 jinkludi fih il-pagament ta' €15,000 surreferit. Għalhekk filwaqt li r-rikorrenti huma skorretti, Gordon Agius kien preċiż fl-osservazzjoni tiegħu li l-valur ta' €291,171 jinkludi fih il-pagament ta' €15,000.

Għar-rigward sa meta l-imgħax għandu jiġi kalkulat, filwaqt li din il-Qorti tifhem li kienu r-rikorrenti li ma ressqux għall-kuntratt meta dawn ġew imsejħa sabiex jagħmlu dan b'ittra uffiċċjali datata 29 ta' Frar 2012, però ma tistax tinjora lanqas il-fatt li l-kuntratt finali ġie redatt wara sena li ingħatat is-sentenza. Ma' dan għandu jiġi meqjus ukoll li fir-risposta ġuramentata ta' Salvina Scicluna u Joseph Buttigieg f'ismu proprju u għan-nom ta' Rose Farrugia[22] għall-azzjoni li ġiet intavolata mis-soċjetà GX3 Holdings Limited, ġie eċċepiet li huma "*lesti li jaghmlu l-kuntratt l-ghada tal-ewwel udjenza, kemm-il darba jintwera li l-prezz se jithallas kif patwit*". B'din l-eċċezzjoni, din il-Qorti tifhem li r-rikorrenti, apparti l-kontestazzjonijiet oħra li għamlu, kienu lesti li jersqu għall-kuntratt finali diment li jingħataw il-flus li huma intitolati għalihom, jiġifieri, il-kwistjoni primarja dejjem kienet dwar x'inhu l-ammont proprju li għandhom iħallsu GX3 Holdings Limited. u dan fil-kawża intavolata minn GX3 Holdings Limited ma kien hemm l-ebda talba sabiex jiġi stabbilit ukoll l-ammont dovut mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

L-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2011 hija ċara dwar fuq liema ammont għandu jitħallas l-imgħax, ir-rata tal-imgħax u sa liema data għandhom jibqgħu jiddekorru l-imgħaxijiet:

> *"(b) [...] the balance of the price still due by purchasers to vendors is [...] (€214,011.48).*
>
> *(c) The parties confirm that the purchasers own the vendors interst at eight per cent (8%) per annum on the balance of the price above stated in clause 'b', which interests are due from the thirteenth (13) day of June of the year two thousand and eight (2008) till the publication of the above-mentioned final deed of sale"*[23]

Filwaqt li r-rikorrenti spjegaw li l-bażi tat-talba tagħhom għall-imgħax hija dik tal-iskrittura imsemmija, is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha naqset milli

[22] Paġna 31 tal-proċess anness.
[23] Paġna 17 tal-proċess anness.

tispjega għalfejn l-imgħax kellu jieqaf jiddekorri malli resqu l-azzjoni tagħhom fid-29 ta' Marzu 2012. Il-pretensjoni tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward hija bla bażi legali. Il-Qorti tqis li l-imgħax irid jiġi kalkulat sad-data li ġie iffirmat il-kuntratt ta' bejgħ u ċioe sas-6 ta' Lulju 2016. Mill-kalkoli li għamlet din il-Qorti l-imgħax pendenti li s-soċjetà konvenuta trid tħallas lir-rikorrenti huwa ta' €76,790.13. Jekk verament is-soċjeta' konvenuta kienet f'posizzjoni li tħallas l-ammont minnha dovut fuq il-kuntratt ta' kompro-vendita' u għal raġunijiet mhux lilha imputabbli il-kuntratt ma sarx qabel kellha l-opzjoni li tiddepożita l-ammont taħt l-awtorita' tal-Qorti u b'hekk teżimi ruħha mill-obbligu pattwit li tħallas l-imgħax dekorribbli sal-jum tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta ma baqgħetx tinsisti dwarhom. Difatti ma ssir l-ebda referenza għalihom la fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u lanqas waqt it-trattazzjoni finali seduta stante. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma ssibx li l-att promotur huwa nieqes minn spjegazzjoni ċara u sewwa tal-oġġett tal-kawża. Għalhekk l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni qed jiġu miċħuda.

Dwar it-tielet eċċezzjoni, huwa evidenti illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata proprju għaliex il-mertu tal-kawża preċedenti ta' bejn il-partijiet ma kienx jinkludi l-kwisttjoni ta' bejniethom dwar l-imgħaxijiet pretiżi mill-atturi. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni hija infondata.

Fir-rigward tar-raba' u l-ħames eċċezzjoni, kif rajna aktar qabel, it-talba tal-atturi ma hiex talba għal ħlas ta' imgħax fuq imgħax. Il-partijiet oriġinali fuq il-konvenju u skritturi preċedenti għal dak ta' ċessjoni lis-soċjeta' konvenuta kienu ċari li kellu jitħallas imgħax ta' 8% fuq il-bilanċ sad-data tal-pubblikazzjoni tal-att finali. Is-somma ta' €15,000 kienet ċara li ma kenitx ħlas ta' imgħax izda li kienet apparti l-bilanċ tal-prezz u l-imgħax dovut u allura tikwalifika bħala żieda fil-prezz. Kienet ġiet pattwita bħala korrispettiv għall-aċċettazzjoni tal-atturi li jġeddu l-konvenju peress li f'dak l-istadju ma kellhom l-ebda obbligu li jġeddu. Għalhekk il-Qorti ssib illi sew ir-raba' kif ukoll il-ħames eċċezzjoni ma humiex fondati u qed jiġu respinti.

**Decide**

Għal dawn il-motii l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta;

1. Tilqa l-ewwel talba u tillikwida l-ammont ulterjuri dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi ai termini tal-konvenju u skritturi fuq imsemmija kif ċeduti lis-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' sitta u sebgħin elf, sebgħa mija u disgħin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€76,790.13);

2. Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' sitta u sebgħin elf, sebgħa mija u disgħin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€76,790.13).

   Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**